MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 333/2005

**Charlene Borg (ID no 134383M)**
**u Leonard Grech (ID no 308779M)**

**Vs**

**Paul Mifsud u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2005 Lino Pisani gie kjamat in kawza**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkudannant li jhallashom is-somma ta' Lm2363.54 (elfejn tlett mija u tlieta u sittin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu), liema somma tirraprezenta danni minnhom subiti minhabba illi xoghlijiet ta' plumbing u tqieghid ta' madum li saru mill-konvenut, fuq inkarigu tal-atturi, fil-fond 140, Sunflower, Triq Mons. Alfredo Mifsud, B'Kara, saru hazin u mhux skond is-

sengha u l-arti, u ghalhekk l-istess xoghlijiet jehtieg li jinqalghu u jsiru mill-gdid.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittri interpellatorja tas-16 ta’ Frar 2005, tal-mandat ta’ sekwestru numru 1292/05 prezentat kontestwalment u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi in linea preliminari l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta’ Leonard Grech stante illi huwa la ghandu la qatt kellu ebda relazzjoni giuridika mal-istess u dana bl-ispejjes kontra l-istess Grech;
2. Illi fil-mertu mhux minnu dak li qed jigi allegat u cioe li t-tqeghid ma sarx skond l-arti u s-sengha u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dana stante illi meta l-attrici forniet lill-konvenut bil-madum in kwistjoni hija ma infurmatux illi l–imsemmi madum kellu jitwahhal bil-kolla u mhux b’ghagna normali ta’ ramel, cement u xahx kif in effetti titlob l-arti u s-sengha;
3. Illi ghall-integrita’ tal-gudizzju jehtieg illi jigi kjamat fil-kawza il-persuna li forniet il-madum in kwistjoni u cjoe’ Lino Pisani ezercenti negozju Keramit Bathroom Centre;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digreit Taghha moghti fit-18 ta’ Ottubru 2005 (fol 9 ibid) u li bih gie kjamat fil-kawza l-imsemmi Lino Pisani.

Rat id-digriet Taggha moghti fil-21 ta’ Novembru 2005 (fol 10, 11 u 15 tal-atti) u li bih gie nominat, bhala espert tekniku l-A.I.C. Godwin Abela u bil-fakoltajiet hemm mghotija lilu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess kjamat fil-kawza (fol 21 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi Lino Pisani mhuwiex il-legittimu kontradittur imma socjeta li ghamlet in-negozju mar-rikorrenti.

2. Illi fil-mertu l-esponenti mhuwiex responsabbli kemm ghal xoghol ta' plumbing kif ukoll mhuwiex responsabbli ghal tqieghid ta' madum.
3. Illi l-esponenti issuplixxa madum ta' kwalita tajba.
4. Illi t-tort tad-danni huwa rizultanti ta' tqieghed mhux skond is-sengha u l-arti u mhux mill-madum innifsu.

Rat id-digriet moghti mill-istess Qorti (fol 24 u fol 25) u li bih l-istess espert tekniku nghata l-fakolta li jisma l-provi u jitressqu l-provi kollha quddiem l-istess espert.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 35 ibid u fol 52 ibid.

Rat ir-relazzjoni teknika (fol 36 ibid) kif ukoll ix-xhieda tal-istess espert a fol 43 u fol 50 ibid u tal-attur a fol 44 sa fol 46 ibid oltre n-nota sottomessa mill-espert tekniku a fol 54 ibid.

Ikkunsidrat

Illi mill-istess relazzjoni teknika kif ukoll mill-verbali tal-access u tax-xhieda li nstemghu oltre d-dokumenti li nstemghu u gew esebiti waqt il-perizja teknika jirrizultaw is-segwenti fatti:-

a) L-attrici issostni li kienet xtrat il-madum minghand il-kjamat fil-kawza u hawnhekk kienet giet informata illi dan kellu jitwahhal bil-kolla u fuq hajt invellat jew bit-tajn izda b'xoghol perfett u, permezz tal-istess kjamat fil-kawza, hi inkarigat lill-konvenut sabiex jaghmel dan ix-xoghol ta' twahhil. Meta l-attrici w il-konvenut ltaqghu fuq il-post tax-xoghol sabiex dan jaghmel stima u sabiex l-attrici tghidlu kif filfatt, ghamlet, '.. kif kellu jitwahhal il-madum'. Hawnhekk, il-konvenut kien qalilha li ma kienx mehtieg li tintuza kolla fuq hajt invellat peress li, skond hu, kien di gja wahhal madum simili bil-metodu tradizzjoniali. Sussegwentement il-konvenut, oltre xoghol ta' 'plumbing' wahhal il-madum izda xi erbat ijiem wara li tlesta x-xoghol, hargu d-difetti lmentati mill-atturi konsistenti fi ksur u madum jinqala' f'diversi partijiet. Il-konvenut, hawnhekk qalilha li kien ra dan id-difett f'madum supplit mill-kjamat

fil-kawza. Inoltre, hu qal lill-attrici illi hu kien lest li ma jithallasx in konnessjoni mat-twahhil tal-madum '…. Jekk l-istorja tieqaf hemm'. Izda l-attrici qalet li, oltre li ma hallsitx kellha bzonn taghmel spejjes ulterjuri sabiex il-madum jinqala u jinxtara iehor. Dwar il-kjamat fil-kawza hu kien assikuraha li kien baghat il-madum barra minn Malta u '… kien lest jibdlu li kieku rrizulta difettuz' (ara ukoll ix-xhieda tal-attur Leonard Grech, ta' Marie Theresa Borg, is-'sales-girl' tal-kjamat fil-kawza u tal-Perit Valerio Schembri li irrediga rapport 'ex parte' fuq inkarigu tal-atturi, liema xhieda, kollha kemm hi, tinsab annessa ukoll mar-relazzjoni teknika);

b) Il-konvenut fi ftit kliem cahad li kien gie informat kif kellu jitwahhal il-madum in kwistjoni, li skond hi kien difettuz. Pero jidher ukoll illi avolja ghaddew sentejn u nofs mit-twahhil tal-madum, hu qatt ma talab li jithallas ghal dan ix-xoghol anke permezz ta' fattura (ara ukoll ix-xhieda tal-kjamat fil-kawza flimkien mad-dokument market Dok LP1 Adrian Vella Petroni is-'salesmanager' ta' dan, dejjem annessi mal-istess relazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi minn esami tal-istess provi kif ukoll tar-relazzjoni teknika, wiehed, bilfors, jrid jikkonkludi illi l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dak lmentat gustament mill-atturi. Filfatt jidher illi hu esegwixxa ix-xoghol ta' tqeghid ta' madum mhux skond l-istruzzjonijiet moghtija lilu anzi mhux skond l-arti w is-sengha rikjesti minnu. Minhabba dan l-agir da parti tal-konvenut li ma wahhhalx il-madum bil-kolla izda bit-tajn u li ma kesiex, kif suppost il-kamra qabel it-twahhil, il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni konsegwenzjali minhabba l-fatt illi l-madum kollu jrid, fil-fors, jinqala u rimpjazzat b'iehor, tenut kont ukoll illi fil-process, hu probabbli illi xi madum jinkiser.

Illi, dwar dan, ta' min isemmi illi skond kif jirrisulta a fol 37 ibid u mill-atti il-madum in kwistjoni ma ghadux jigi prodott ('discontinued') u ghalhekk ghandu jintuza madum iehor ta' tip differenti in vista li kif di gja nghad hemm probabilta kbira li meta jinqala l-istess madum jinkiser (ara fol 43 u

fol 44 ibid). Difatti, kif jidher minn nota tal-istess espert tekniku, '… l-bicca l-kbira tieghu inkissret waqt il-qliegh'.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi rilevat,ulterjorment, illi il-kjamat fil-kawza, kif rikjest mill-konvenut, ma jistax, b'xi mod jigi ritenut responsabbli ghall-akkadut. Illi, fl-avviz in esami, jinghad illi s-somma mitluba tirreferi ukoll ghal danni '… subiti minhabba x-xogholijiet ta' 'plumbing ……. li sar minnek ….'. Filfatt ma irrisulta l-ebda difett f'xi xoghol ta' 'plumbing'. Pero meta l-Perit Valerio Schembri 'ex parte', kif di gja nghad, ghamel stima tad-danni, kif mitluba fl-avviz, hu ma inkludiex xi xoghol ta' 'plumbing' hlief is-somma ta' Lm50 in konnessjoni ma' 'waste pipes' (ara Dok VS1 anness mar-relazzjoni teknika. Ghalhekk l-ammont kif mitlub ser jigi ridott b'Lm50 cjoe ghal Lm2313.54 ossija €5389.10.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, bl-ammont mitlub kif ridott u:

1) tillikwida l-ammont ossija 'quantum' ta' danni dovut fis-somma ta' Lm2313.54 ossija €5389.10 stante li x-xoghol in kwistjoni sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti da parti tal-konvenut wahdu.
2) Tikkundanna lill-konvenut wahdu sabiex jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm2313.54 ossija €5389.10 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta' Gunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv.
3) Tiddikjara lill-kjamat fil-kawza bhala bl-ebda mod responsabbli skond il-ligi ghad-danni in kwistjoni.
4) In rigward l-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatojra tas-16 ta' Frar 2005 u dawk inkorsi mill-kjamat fil-kawza dawn ghandhom jithallsu mill-konvenut wahdu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------